# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## CHAIRMAN DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Numru: 21/2023 SG**

**Paul Debattista (43660G) u Joanne Debattista (411002L)**

**vs**

**L-Avukat Dr. Michela Spiteri li b'digriet tat-30 ta' Jannar 2024 giet nominata bhala kuratur deputat mahtura sabiex tirraprezenta lill-imsiefra Gwen Lee**

**Illum il-Ħamis, 7 ta' Marzu 2024**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Paul u Joanne konjuġi Debattista li ġie ppreżentat fl-4 ta' Diċmebru 2023 u li permezz tiegħu ġie premess u mitlub is-segwenti:

> *Illi huma jikru lil intimat l-garaxx numru 5, Hamri Court, triq iz-Zewwieqa, Ghajnsielem, Ghawdex.*
>
> *Illi l-intimata ma hallsitx l-kera tal-garaxx ghal l-ahhar skadenza tal-31 ta' Awissu 2023 fl-ammont ta' € 820.*
>
> *Illi in oltre r-rikorrenti ma jixtiequx igeddu din il-kirja u jixtiequ jirriprendu lura l-pusess ta' dan il-garaxx.*

*Illi l-kirja ta' garaxx ma hijiex protetta bil-ligi u s-sid ghandu dritt jiriprendi lura l-fond meta jrid hu.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:-*

1. *Jawtorizza lis-sidien rikorrenti jirriprendu lura l-pusess ta' dan il-garaxx li kien miikri lil intimata.*

2. *Jillikwida l-kumpens dovut mid-data tal-ahhar skadenza sad-data li fiha jottjenu lura l-pusess tal-fond.*

Ra r-risposta ta' l-Avukat Dottor Michela Spiteri bħala kuratur tal-imsiefra Gwen Lee fejn ġie eċċepiet is-segwenti:

*Illi b'digriet tat-30 ta' Jannar 2024, l-esponenti giet nominata bhala kuratur sabiex tirraprezenta l- imsiefra Gwen Lee.*

*Illi l-esponenti mhijiet edotta mill-fatti u ghalhekk tirrizerva li tipprezenta risposta ulterjuri meta u jekk tirnexxielha tikkomunika mal-intimata.*

Ra l-affidavits eżebiti.

Ra li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza in difett ta' ostakolu.

**Ikkunsidra**

Mill-provi prodotti u ċioe' mix-xhieda mogħtija minn Paul u Joanne Debattista jirriżulta li r-rikorrenti krew il-garaxx numru 5, Ħamri Court, Triq iż-Żewwieqa Għajnsielem, Għawdex lil Gwen Lee versu l-kera ta' EUR 820 fis-sena liema kera kienet titħallas fl-aħħar ta' Awissu ta' kull sena.

Irriżulta li kien f'Awissu 2022 li tħallset għall-aħħar darba l-kera. Għaldaqstant, jirriżulta ppruvat li r-rikorrenti għandhom jitħallsu ta' sena kera ċioe' minn Awissu 2022 sa Awissu 2023. Qed jintalab ukoll li titħallas kera minn Awissu 2023 sad-data ta' meta jittieħed lura dan il-garaxx mir-rikorrenti. Ir-rikorrenti għamluha ċara li huma jridu lura l-pussess ta' dan il-garaxx.

Fiċ-ċirkostanzi u stante li ma tressqux provi li jikkontradixxu dak ikkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti, dan il-Bord sejjer jgħaddi biex jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

Per konsegwenza, dan il-Bord qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti billi fl-ewwel lok, qed jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendu lura l-pussess tal-garaxx numru 5, Ħamri Court, Triq iż-Żewwieqa, Għajnsielem, Għawdex u fit-tieni lok, jikkundanna lill-intimata sabiex tħallas s-somma ta' elf, mitejn u ħamsa u erbgħin Ewro u ħamsa u għoxrin ċentezmi (EUR 1245.25ċ) rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' tmien mija u għoxrin Ewro (EUR 820) ħlas ta' kera tal-iskadenza tal-31 ta' Awissu 2023 u għas-somma ta' erba' mija u ħamsa u għoxrin Ewro u ħamsa u għoxrin ċentezmi (EUR 425.25ċ) ħlas ta' kera għall-ġranet mill-1 ta' Settembru 2023 sas-7 ta' Marzu 2024. Salv kwalsiasi dritt ta' azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kollha għandhom jiġu sopportati mill-intimata.

(ft) Dr. Simone Grech
Chairman

(ft) Diane Farrugia
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

07.03.2024 – Bord21.2023 – Paul Debattista et vs Dr. Michela Spiteri noe.